Dun Ġużepp Fenech

# IS-SIĠĠIJIET FIL-KNISJA 90 SENA ILU

Meta mmorru l-Knisja, l-ewwel ma nfittxu fejn se noqogħdu bil-qiegħda, għalkemm jixraq ħafna li qabel dan, insellmu lil Ġesù fit-Tabernaklu billi, jekk nifilħu, ninżlu ftit għarkobbtejna. Hawn min ifittex dejjem il-post tas-soltu u joqgħod dejjem, jekk jista' jkun, fuq l-istess siġġu. Jekk isib lil xi ħadd ieħor, ma tantx jieħu pjaċir.

F'ħafna knejjes illum, flok siġġijiet insibu l-bankijiet. Dawn huma komdi ħafna, iżda kultant flokhom għadhom jintużaw siġġijiet.

Fil-parroċċa tagħna, minn xi tletin sena 'l hawn, fil-knisja nsibu siġġijiet tal-ħadid bil-magħqad u d-dahar ta' l-injam. Huma mdammin flimkien aktarx ħamsa ħamsa u b'hekk jiġu qishom bankijiet. Il-vantaġġ tagħhom hu li jistgħu jinġarru malajr minn post għal ieħor u bihom jitħaffef iżjed it-tindif tal-knisja.

Vantaġġ ieħor li jkollok il-bankijiet jew dawn is-siġġijiet hu li fil-Knisja ma jkunx hemm ħsejjes żejda, li jistgħu ifixklu waqt il-funzjonijiet. Is-siġġijiet ikunu f'post fiss u mhux suppost li jagħmlu ħsejjes.

**Is-Siġġijiet kienu jinkrew**

Iżda mhux minn dejjem kien hekk. Jien niftakar li fil-Ħdud u fil-Festi, meta konna mmorru l-knisja, konna nsibu s-siġġijiet imgezzin f'post wieħed, anke fuq xulxin, fejn il-bibien tal-knisja. Xi drabi f'xi festi konna nsibuhom barra fuq iz-zuntier. Ma ġenbhom kien ikun hemm xi ħadd li jkun imqabbad mill-Kappillan sabiex jikri dawn is-siġġijiet lil dawk li jidħlu l-knisja, biex jużawhom waqt il-quddies jew funzjoni li jkun hemm. Sebgħin sena ilu konna nħallsu tliet ħabbiet għal kull siġġu, li bil-flus tal-lum iġibu żewġ milleżmi. Iktar tard żiduhom għal sitt ħabbiet (4m). Wara li nieħdu

s-siġġu, konna mmorru fil-post tagħna, li aktarx kien ikun dak tas-soltu.

Dan il-kiri tas-siġġijiet kien isir għaliex dawn kienu jqumu l-flus u kultant kien ikun hemm bżonn ta' xi tiswijiet, jew li jitwarrbu l-qodma u jsiru xi oħrajn ġodda flokhom. Il-flus li kienu jinġabru kienu jmorru għalhekk. Dawk li jiġbru l-flus kienu jitħallsu xi ħaġa ta' xogħolhom.


1916 5

~~Agosto~~ Settembre

| | Incassi | Spese Distributori | Riparazioni |
|---|---|---|---|
| 3. Domenica | 0.16.6 | 0.4.0 | . . . |
| 10. Domenica | 0.12.6 | .3.6 | . . . |
| 17 Domenica | 0.12.0 | .4. | . . . |
| 24 Domenica | 0.13.6 | .4. | . . . |
| | £2.14.6 | £.15.6 | £0.0.0 |

Dr £2.14.6
Levando £0.15.6
£1.19.0
La netti £0.19.6

Profitt. antecedent £6.3.0.9/12
attuale .19.6.
£7.2.6 9/12

Spese
antec. £4.16.9
attual .15.6
£5.12.3

Minn pitazz antik li sibt fl-Arkivju tal-Parroċċa, stajt insib xi tagħrif dwar kemm il-kappillan ta' dak iż-żmien. Dun Vincenz Curmi, kien idaħħal mill-kiri ta' dawn is-siġġijiet fis-snin bejn Mejju 1916 u Marzu 1920, disgħin sena ilu, fi żmien l-Ewwel Gwerra l-Kbira.

Irrid ngħid li dak iż-żmien is-siġġijiet kienu ta' l-injam tal-fagu, bħal dawk li għadhom jintużaw fil-knisja l-qadima tas-Salvatur. Fl-antik il-magħqad kien ikun tas-soda, dik il-ħaxixa li kienet tintuża biex tinħadem

b'ċerta sengħa. Mad-dahar tas-siġġu fuq wara, kien ikun hemm imħaffer b'forma tal-ħadid jikwi, l-ittri V. L. (Villa Lia), li kienu jfissru li dawk kienu tal-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Lija.

Fi tliet kolonni, dan ir-reġistru juri d-dħul, il-ħlas lill-inkarigati u l-ispejjeż li kienu jsiru għal dawn is-siġġijiet, faċċata għal kull xahar, fil-ġranet tal-Ħdud u tal-Festi għal kull xahar. *(Ara ritratt ta' wieħed minn dawn il-kontijiet).*

Bejn wieħed u ieħor, kienu jinġabru madwar ħamsin lira fis-sena. Il-ħlas lill-ikarigati tal-ġbir kien jilħaq madwar ħmistax il-lira. Il-Knisja kienet tieħu nofs il-bilanċ, li jiġu LM17.50.

Kull nhar ta' Ħadd jew Festa, id-dħul kien ikun madwar 13-il xelin u 4 soldi, li illum iġibu 68 ċenteżmu. Bejn wieħed u ieħor kienu jattendu 640 ruh fit-tliet quddisiet li kienu jsiru kull nhar ta' Ħadd jew festa, fl-awrora, tas-seba' u tal-ħdax. F'Ġunju 1917 il-Quddiesa tal-ħdax bdiet issir fl-għaxra.

Fi żmien l-Ewwel Gwerra Dinjija, kienu għadhom jintużaw il-ħbub, u għandi nifhem li l-kiri ta' siġġu kien ikun tliet ħabbiet 'il wieħed. Ix-xelin ta' dak iż-żmien (5 ċenteżmi tal-lum) kien isarraf tnax il-sold u kull sold, tnax il-ħabba.

**Is-Siġġijiet fil-Festi**

Minn dawn il-kontijiet jidher li għall-Festa tas-Salvatur kienu jattendu ħafna nies. Id-dħul kien Lm1.37 fl-1916, Lm1.80 fl-1917 u fl-1918, u Lm1.50 fl-1919. Dan ifisser li għall-quddies tal-Festa kienu jattendu 960 ruħ.

L-istess nistgħu ngħidu għall-Festa tal-Qalb ta' Ġesù. Fis-snin li semmejna nsibu d-dħul ta' Lm0.78, Lm0.95, Lm1.12,5 u Lm1.40 rispettivament.

Xi kultant fil-kontijiet jidher li l-kappillan kien jikri xi siġġijiet għal xi okkażjoni barra mill-knisja, bħal xi festa jew xi tieġ. B'hekk kien idaħħal xi ħaġa żejda.

**Jinkrew ukoll għat-tiġijiet**

Disa' darbiet kien kera minn dawn is-siġġijiet għal xi festa fil-Ġonna ta' San Anton. Fis-7 ta' Jannar 1917, il-Kanonku Salvatore Tartaglia

li kien joqgħod fejn illum joqogħdu s-Sorijiet Orsolini, kien kera xi siġġijiet u kien ħallas għalihom 43 ċenteżmu. F'ħames okkażjonijiet oħra kienu nkrew għal xi tieġ.

Mir-Reġistri tat-Tiġijiet sibt liema kienu dawn iż-żwiġijiet.

L-ewwel wieħed kien fil-11 ta' Ġunju 1916 meta żżewġu Carmelo Said minn H'Attard u Giovanna Cutajar minn Ħal Lija. Dun Angelo Fenech kien għamel xhud f'dan it-tieġ. Dakinhar stess kienu żżewġu wkoll Carmelo Cutajar u Antonia Falzon, it-tnejn minn Ħal Lija.

Fil-11 ta' Frar 1917 iżżewġu Ġanni Zammit mill-Imsida u Martha Grech minn Ħal Lija, u t-Tabib Dr. Andrea Zammit kien għamel xhud.

Fl-4 ta' Frar 1918 żżewġu Giuseppi Borg minn Birkirkara u Carmela Farrugia minn Ħal Lija u Dun Ġużepp Muscat kien għamlilhom xhud.

Fl-aħħarnett fl-10 ta' Frar 1918 iżżewġu Pawlu Duca u Salvina Camilleri, it-tnejn li huma minn Ħal Lija.

Dawn kollha kienu krew xi siġġijiet għal dawk li kienu stiednu għall-festa tagħhom.

L-ispejjeż li saru fit-tiswija tas-siġġijiet kienu dawn li ġejjin: F'Diċembru 1916: (65c); f'Mejju 1917: (87c5); f'Novembru 1917: (40c); u f'Jannar 1919: (90c).

Fil-pitazz antik li minnu ħadt dan it-tagħrif, sibt li l-aħħar kont li ingħatha fih kien dak ta' Marzu 1920. Il-Kappillan kien imbagħad talab għal offerti min-nies ta' Ħal Lija u qalilhom kemm joffru fix-xahar jekk iħallilhom it-tmexxija tas-siġġijiet f'idejhom. L-ikbar offerta kienet dik ta' Carmelo Xicluna. Offra li jagħti lill-Kappillan LM3.54 fix-xahar. Naturalment kien hemm xi kundizzjonijiet, iżda dawn ma jidhrux fir-reġistru. Jista' jkun li hemm iżjed tagħrif f'reġistri oħra.

Jekk niftakar tajjeb dan Carmelo kien raġel għama, iżda kulħadd kien jistagħġeb bih kemm kien jieħu ħsieb din il-biċċa xogħol, flimkien ma' xi oħrajn li kienu jgħinuh. Kont smajthom jgħidu li kien ukoll jgħaqqad is-siġġijiet mill-partijiet li kienu jlestulu. Jekk xi ħadd jiftakar aktar minni dwar dan, nieħu pjaċir jekk jagħtini aktar tagħrif.